

# Carmelo Delia Ir-Raġel Żejtuni li poġġa isem iż-Żejtun Rebbieħ fil-Karnival ta' Malta

is-Sur Christoper Chetcuti – Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi



Karmenu Delia magħruf aktar bħala Nenu, iben Mabbli Delia u Lorenza (nee) Baldacchino twieled fis -27 ta' Awwissu 1946 fiż-Żejtun. Nenu twieled f'familja tipikament Żejtunija. Missieru kien jgħajjex 'il-familja bix-xogħol tiegħu ta' furnar, fil-forn f'Misraħ il-bjar fir-raħal t'isfel, iż-Żejtun. Delia meta kien għadu tifel kien jgħin lil missieru fil-forn, iżda l-missier dejjem insista li l-iskola għandha tingħata l-ewwel preferenza.

Nenu Delia miżżewweġ lil Catherine (nee) Żammit, għandu tifel Rupert u nannu taċ-ċkejkna Naomi li minn ċkunita diġa' tidher miġbuda wkoll lejn l-arti.

Nenu Delia kien jattendi l-iskola Primarja taż-Żejtun u wara kompla fil-Liċeo bħala sekondarja fejn ġie edukat f'suġġetti akkademiċi bażiċi.

Il-ġibda lejn l-arti minn dejjem kienet tinħass f'Delia. Huwa jirrakonta li meta kien imur jisma' l-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħodu kuljum qabel l-iskola, fil-knisja kien joqgħod iħażżez fuq karta xi disinn li kien jara fil-knisja bħal xi disinn minn fuq it-tużell jew inkella xi persunaġġ li kien josserva fuq xi opra tal-arti li hi mżejna bihom il-knisja taż-Żejtun.

Apparti l-ġibda lejn l-arti tradizzjonali huwa kien miġbud ukoll lejn il-palk fejn ħadem qatigħ ma' bosta kumpanijji Maltin u barranin f'dik li hi xenografija għal diversi xogħlijiet teatrali u iktar tard anke televiżivi.

L-imħabba lejn l-arti kienet tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-familja tiegħu. In-Nannu tiegħu Anġlu Delia mlaqqam *Ta' Serafin* li kien magħruf sewwa fejn jidħol ix-xogħol tal-furnar, kien jagħmel il-maskri tal-karnival u jimmudella l-istatwi wkoll. Mabbli missier Nenu wiret ukoll din il- ġibda kbira lejn il-karnival. Huwa kien jarma trakk biex jidħol bih il-Belt fejn kienet isir l-isuttar bil-pastizzi. Fil-jiem imsejħin tal-bluha, dejjem kien imur flimkien ma' wliedu lejn il-Belt ħalli jaraw l-isfilata tal-karnival. Dan kollu nissel fih ġibda lejn il-karnival u l-ilwien imżewqin tiegħu. Għalhekk apparti l-gost tiegħu jara l-isfilata fil-belt Valletta, kien jieħu pjaċir ukoll isegwi l-armar tal-karru tal-karnival li kien jiġi mħejji minn grupp ta' nies, imsejħa bħala tad-Domus. Nenu kien joqgħod isegwi mill-bogħod dan l-armar għaliex għalkemm dan il-grupp kienu kapaċi fix-xogħol tiegħu, huma ma kinux jgħallmu lil ħaddieħor kif isir dan ix-xogħol. Għalhekk wara b'ħeġġa kbira kien imur id-dar u joqgħod jimmudella xi pupu biċ-*chicken wire*, jiksih bil-karti bil-kolla, jarma karru u erħilu jieħu gost idawru mal-isqaqien tal-misraħ fejn il-forn ta' missieru.

Kien propju fis-sena 1969 meta kien qed jitkellem ma' xi ħbieb ġewwa d-Domus u waqt li kulħadd kien qed jgħid tiegħu, iddeċidew li jaħdmu karru tal-




Il-Karru 7 Rjus Għal 7 Noti

*Ikompli....*



karnival. Riżultat tal-furja u ħafna ideat differenti li ma jaqblux flimkien, dan il-karru kien iffinalizzat, iżda nieqes mis-suġġett. B'riżultat ta' dan, il-karru ma gwadanjax suċċess.

Is-sena ta' wara Delia reġa' medd idejh għax-xogħol. Din id-darba kien hu u kuġinuh Victor Caruana li baqa jaħdem miegħu sal-aħħar xogħlijiet tal-karnival. Nieqes mill-għajnuna tal-id iżda aktar iffukat fuq is-suġġett. Irnexxielu jaħdem il-karru *Veteran Tourist* li kien jikkonsisti minn dgħajsa tal-pass u persunaġġ li jirrappreżenta t-turist barrani li jżur Malta.

Permezz ta' dan il-karru rebaħ l-ewwel premju u s-sodisfazzjon kien enormi għalhekk ma ħarisx lura aktar u kompla għaddej bil-ħidma tiegħu fuq il-karrijiet. Karru ieħor li tassew jibqa' mfakkar kien dak li Delia ħadem fl-1972 maħdum mill-kartun tal-bajd bit-titlu *Għal Dinja Ġdida,* li kien jikkonsisti minn nofs globu tad-dinja u ħames serpentelli li jirrappreżentaw il-ħames kontinenti magħqudin flimkien simbolu tal-għaqda fid-dinja.

Ma' din il-prominenza waslet rikjesta lil Delia mill-Banda Sta. Marija ta' Ħal Għaxaq, sabiex jaħdem magħhom għall-karnival u hekk sar. Ħadem sentejn ma' din is-soċjeta` u sadanittant ġie avviċinat mir-rappreżentanti tal-Għaqda Banda Żejtun sabiex jaħdem magħhom.

Tajjeb jingħad illi l-Għaqda Banda Żejtun kienet ilha tipparteċipa fil-Karnival ta' Malta sa minn qabel it-tieni gwerra dinjija. Imbagħad kienet waqfet minħabba din il-gwerra. Għalhekk meta lejn l-aħħar tas-snin sebgħin reġgħet bdiet taħseb biex tieħu sehem fil-karnival rat it-talent fiż-Żejtuni Nenu Delia u avviċinatu biex jaħdem magħha. Peress li Delia kien jaħdem mal-Banda Sta. Marija fejn kien rispettat ħafna qal lir-rapprezentanti tal-Għaqda Band Żejtun illi jekk il-Banda Sta. Marija ma tiħux sehem huwa lest li jaħdem mall-banda ta' raħal twelidu.

Fil-fatt wara sentejn il-Banda Sta. Marija ma ħaditx sehem u Delia ngħaqad mal-Għaqda Banda Żejtun flimkien ma' Anthony Sinagra u Joe Agius li flimkien ma' għajnuna oħra minn diversi persuni bdew il-mixja trijonfali ta' rebħ u rekord ta' suċċessi tal-aktar banda li rebħet l-ewwel premju fil-Karnival Ta' Malta.

Waqt li kien jaħdem mal-Għaqda Banda Żejtun, fix-xogħol tal-karru kif ukoll maskri għall-bandisti, Delia ħadem kemm karrijiet personali kif ukoll ħadem għall-seba' darbiet ir-Re tal-Karnival li kien ġie kkumissjonat lilu mill-Kumitat Festi Nazzjonali.

Meta ġie nieqes Anthony Sinagra x-xogħol waqa' kollu fuq Delia. Iżda l-għajnuna mill-Għaqda Banda Żejtun qatt ma naqset u x-xogħol baqa' għaddej. Fost il-karrijiet li nħadmu u baqgħu jissemmew wieħed isib il-*Madame Butterfly, Bis-sieq ittuni mad-dinja Ddawruni, Seba' Rjus Għal Seba' Noti.*

B'dispjaċir kbir Nenu Delia jisħaq illi x-xogħol fuq il-karrijiet flimkien mal-Għaqda Banda Żejtun intemm mhux minħabba nuqqas personali tiegħu jew tal-Għaqda Banda Żejtun iżda minħabba indħil u pressjoni minn barra li kien qed jinħass speċjalment kif kienu qed jingħataw il-punti u joħorġu r-riżultati sabiex jakkomodaw lil kulħadd. Huwa jtenni li hi ħasra li fl-aħħar mill-aħħar raw kif għamlu u neħħew il-baned Maltin mill-Karnival ta' Malta wara ħafna snin ta' parteċipazzjoni.

Meta mbagħad Nenu Delia sab ruħu wieqaf mill-karnival beda jimmudella statwi fil-minjatura u nistgħu ngħidu li jagħmel ġmiel ta' statwi li huma mfaħħrin u mfittxija minn dilettanti ma' Malta u Għawdex kollha. Apparti x-xogħol fuq l-istatwi huwa jagħmel ukoll pittura. It-tagħlim u għarfien fuq dan ix-xogħol kisbu mingħand l-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, l-iskultur Ġanni Bonniċi u l-pittur il-Kav. Borġ.



Il-Ħidma ta' Carmelo Delia fuq l-istatwi

Huwa għadu mitfugħ fuq dan id-delizzju li jagħmlu b'dedikazzjoni kbira flimkien ma' ibnu Rupert fil-garaxx tiegħu, l-istess post fejn snin qabel kien il-forn ta' nannuh Anġlu u missieru Mabbli.

***Ikompli....***





Carmelo Delia mal-Familja fl-Għoti ta' Ġieħ iż-Żejtun

minn mindu żżanżnet fil-purcissjoni tal-Għid il-Kbir fiż-Żejtun (1984-2014). Delia kien li kkummisjona l-istatwa artistika ta' Kristu Rxoxt li tinsab fiż-Żejtun maħduma mill-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

Din is-sena Carmelo Delia ingħata Ġieħ iż-Żejtun premju mogħti mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun sabiex jidħol huwa wkoll flimkien mall-persuni rikonoxxuti li ħadmu sabiex b'mod jew ieħor għamlu l-ġid fill-belt taż-Żejtun

Nenu Delia jħobb ħafna t-tagħlim u li jgħaddi dak li jaf lil ħaddieħor. Huwa kien għalliem fl-iskola tas-snajja' ġewwa l-Furjana fejn kien jgħallem l-arti u l-*crafts*. Huwa jtenni li hu dejjem ħadem bil-bieb miftuħ sabiex ħaddieħor jarah jaħdem u jitgħallem. Iżda għandu dispjaċir li fiż-Żejtun ħadd ma kompla fuq ix-xogħol tal-karnival li hu pprova dejjem jgħallem ukoll.

Ried iħalli dan is-suġġett għall -aħħar għaliex hu tassew għal qalbu. Ta' min jgħid ukoll li Delia kellu l-ħila li jintroduċi festa ġdida fiż-Żejtun. Qed nirreferu għall-purċissjoni bil-vara ta' Kristu Rxoxt li din is-sena qed jiġi ċċelebrat it-tletin sena



Carmelo Delia mal-Kumitat tal-Għaqda Banda Żejtun fl-Għoti ta' Ġieħ iż-Żejtun


# Cassar Florist

## (taz-zizzu)

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba liż-Żwieten kollha!*